MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Numru. 83/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**James Calleja, ta’ 23 sena, iben Louis u Jane nee’ Grech, mwieled Footscray Victoria Australia, nhar s-6 ta’ April, 1987, residenti fil-fond numru 13, Sinshine, Triq il-Lampuka, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 203097(M);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi James Calleja li gie akkuzat talli **nhar is-26 ta’ Gunju 2010 u fix-xhur ta’ qabel gewwa iz-Zebbug Ghawdex u gewwa postijiet ohra f’dawn il-gzejjer, f’hinijiet differenti;**

**1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, ghad-dannu ta' Franca Attard u/jew persuni ohra liema hsara tiskorri il-mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) imma ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69);**

**2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon-ordni u/jew il-kwiet pubbliku;**

**3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-persuna ta' Franca Attard sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil imsemmijha persuna;**

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Settembru 2010;

Semghet lill-parti leza tiddikjara illi qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u li ma riditx tixhed sabiex ma tinkriminax ruhha fi proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghha ;

Ikkunsidrat :

Illi fir-rigward tal-ewwel zewg akkuzi billi l-parti leza ma tatx ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma kellha l-ebda prova ohra fil-konfront tal-imputat billi l-uniku xhieda okulari ghal dan l-incident kienet l-istess parti leza. Illi ghar-rigward tal-ahhar akkuza l-kwerelanta rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u billi dina l-akkuza tehtieg l-kwerela tal-parti leza, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawrit;

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg akkuzi u tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward tat-tielet (3) akkuza fuq rinunzja tal-kwerelanta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------